MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 505/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Claire Farrugia abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Claire Farrugia**

**vs**

**Mark-Anthony Muscat**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-ligi, ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u tmien lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm1,908.93), in kwantu ghall-ammont ta' elf, tmien mija u tlieta u tletin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm1,833.93), jew somma ohra verjuri lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited,

ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attrici assigurata taghha Claire Farrugia u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75.00) lill-attrici Claire Farrugia ammont rapprezentanti excess payment minnha mhallas, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' Gunju, 2003 ghall-habta ta' 12:45 gewwa Triq Mater Boni Consigli, Paola, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBD 203 proprjeta' ta' l-attrici Claire Farrugia, misjuqa minn Claire Farrugia u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni LAW 078, liema ncident sehh unikament bhala rizultat tat-trakuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju, 2004, ta' l-ittra ufficjali li ntbaghatet kontestwalment ma l-Avviz ghas-smiegh lis-socjeta' Fogg Insurance Agencies Limited u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju, 2004 sad-data tal-hlas effettiv kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut Mark Anthony Muscat fejn ammetta t-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------